(3) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(4) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha u 40 % tal-ispejjeż sostnuti minn IMI, IMI Kynoch u Yorkshire Copper Tube.*

(5) *IMI, IMI Kynoch u Yorkshire Copper Tube għandhom ibatu 60 % tal-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 69, 19.03.2005.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2010 — Boliden et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-19/05)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-pajpijiet tar-ram għall-plumbing — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ksur kontinwu u f'diversi forom — Multi — Preskrizzjoni — Kooperazzjoni")***

(2010/C 179/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Boliden AB (Stockholm, l-Isvezja); Outokumpu Copper Fabrication AB, preċedentement Boliden Fabrication AB (Västerås, l-Isvezja); u Outokumpu Copper BCZ SA, preċedentement Boliden Cuivre & Zinc SA (Liège, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment C. Wetter u O. Rislund, sussegwentment C. Wetter u M. Johansson, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier u S. Noë, aġenti)

**Suġġett**

Fl-ewwel lok, talba għall-annullament tal-Artikolu 1(a) sa (c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 2826, tat-3 ta' Settembre 2004, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.069 — Pajpijiet tar-ram għall-plumbing), inkwantu tikkonstata illi r-rikorrenti pparteċipaw fi ksur bejn l-1 ta' Lulju 1995 u s-27 ta' Awwissu 1998, kif ukoll bejn l-10 ta' Diċembru 1998 u s-7 ta' Ottubru 1999, fit-tieni lok, talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta b'din id-deċiżjoni fuq ir-rikorrenti, u fit-tielet lok kontrotalba tal-Kummissjoni għal żieda tal-imsemmi ammont.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Il-kontrotalba magħmula mill-Kummissjoni hija miċħuda.*

(3) *Boliden AB, Outokumpu Copper Fabrication AB u Outokumpu Copper BCZ SA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u 90 % tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni.*

(4) *Il-Kummissjoni għandha tbati 10 % tal-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 82, 02.04.2005.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2010 — Outokumpu u Luvata vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-20/05)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tat-tubi industrijali tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Daqs tas-suq ikkonċernat — Ċirkustanzi aggravanti — Ksur ripetut")***

(2010/C 179/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Outokumpu Oyj (Espoo, il-Finlandja); u Luvata Oy, li qabel kienet Outokumpu Copper Products Oy (Espoo) (rappreżentanti: J. Ratliff, barrister, F. Distefano y J. Luostarinen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier u S. Noë, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fl-Artikolu 2(j) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 2826, tat-3 ta' Settembru 2004, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.069 — Pajpijiet tal-plaming tar-ram).